MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 347/2003

Golden Harvest Manufacturing Company Limited
vs
Limelight Hotels Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi fit-12 ta’ Awissu 1994, il-kontendenti dahlu fi ftehim (Dok. GH), fejn is-socjeta` attrici obbligat ruhha li tbiegh merkanzija lis-socjeta` konvenuta li da parti taghha intrabtet li tixtri l-istess merkanzija minghand is-socjeta` attrici, taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm miftiehma u ghal perjodu ta’ seba’ (7) snin;

Peress illi bl-istess ftehim, is-socjeta` attrici kienet silfet lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000);

Peress li s-socjeta` konvenuta kienet intrabtet u kienet obbligat ruhha a favur is-socjeta` attrici, li tirrifondi s-somma mislufa ratealment, mal-hlas tal-fatturi relativi ghall-imsemmi bejgh, fis-sens li 16.5% tal-valur ta' kull fattura kellu jitqies bhala hlas versu s-somma mislufa;

Peress illi s-socjeta` konvenuta kienet naqset milli tosserva l-imsemmi ftehim, stante li sa l-gheluq tieghu (12/08/01), hija kienet hallset biss elfejn, tmien mija u sitta u erbghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm2,846.84);

Peress illi kagun tal-ksur surriferit, is-socjeta` konvenuta, a tenur tal-klawsola 6 (a) tal-imsemmi ftehim, kienet tenuta tirrifondi s-somma intiera ta' Lm15,000;

Peress illi inotre, skond l-istess klawsola, is-socjeta` konvenuta kellha thallas ukoll is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000);

Peress illi di piu`, is-socjeta` konvenuta kienet qablet u ntrabtet li thallas lis-socjeta` attrici in linea ta' danni pre-likwidati, is-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000), f'kaz li tikser l-imsemmi ftehim, kif fil-fatt kien gara;

Peress illi ghalhekk, kagun tan-nuqqas surriferit u kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din ic-citazzjoni, is-socjeta` konvenuta hija tenuta wkoll thallas, apparti s-somma mislufa ta' Lm15,000, Lm5,000 u d-danni ta' Lm10,000;

Peress illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta kienet debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000);

Peress illi ghalkemm kienet interpellata sabiex tissalda dan id-debitu, s-socjeta` konvenuta kienet baqghet inadempjenti;

Peress illi, dan id-debitu tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-socjeta` attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta` attrici ikkonfermat fid-dikjarazzjoni

prezentata mac-citazzjoni, u fil-fehma tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex:

Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000).

Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000).

Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-interessi legali mit-12 ta' Awissu 1994 skond il-ftehim (Dok. GH), u bl-ispejjez, komprizi ta' dawk tal-mandati ta' sekwestru, qbid u inibizzjoni pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni, kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok l-insostenibilita` tal-azzjoni u talbiet attrici stante li s-socjeta` attrici naqset li titlob dikjarazzjoni li l-ftehim 'de quo' kien gie miksur mis-socjeta` konvenuta qabel ma talbet il-kundanna ghall-hlas;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u ghal kull buon fini l-ftehim 'de quo' ma gie bl-ebda mod miksur u ergo l-ebda ammont mhu dovut kif kien qed jigi allegat;

3. Illi inoltre jigi precizat u eccepit illi l-kawza giet intavolata intempestivament u dana stante li skond l-istess ftehim (klawsola 4) ma gie stipulat ebda terminu li fih l-ammonti mislufa kellhom jigu restitwiti lura;

4. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda stante li s-socjeta` konvenuta onorat u kienet ghadha qed tonora l-istess ftehim;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici.

Illi fit-12 ta’ Awissu 1994, il-kontendenti dahlu fi ftehim, fejn is-socjeta` attrici obbligat ruhha li tbiegh merkanzija lis-socjeta` konvenuta li da parti taghha intrabtet li tixtri l-istess merkanzija minghand is-socjeta` attrici, taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm miftiehma u ghal perjodu ta’ seba’ (7) snin;

Li bl-istess ftehim, is-socjeta` attrici selfet lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000);

Li s-socjeta` konvenuta ntrabtet u obbligat ruhha a favur is-socjeta` attrici, li tirrifondi s-somma mislufa ratealment, mal-hlas tal-fatturi relativi ghall-imsemmi bejgh, fis-sens li 16.5% tal-valur ta’ kull fattura kellu jitqies bhala hlas versu s-somma mislufa;

Li ladarba l-ftehim kien validu sat-12 ta’ Awissu 2001, is-socjeta` konvenuta kellha sa dakinhar biex tissalda s-somma kollha ta’ Lm15,000;

Li madanakollu s-socjeta` konvenuta naqset milli tosserva l-imsemmi ftehim, stante illi meta skada t-terminu (12/08/01), hija kienet hallset biss elfejn, tmien mija u sitta u erbghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm2,846.84);

Li skond klawsola 6 (a) tal-ftehim (Dok. GH) is-socjeta` konvenuta obbligat ruhu li trodd lura s-somma intiera ta' Lm15,000, jekk kemm-il darba ma tonorax il-ftehim, kif fil-fatt gara;

Li barra minn hekk, skond l-istess klawsola, is-socjeta` konvenuta obbligat ruhha wkoll li f'kaz li tonqos, kif gara, tirrifondi somma ulterjuri ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) li s-socjeta` attrici kienet tatha ai fini tal- u soggett ghall-osservanza tal-ftehim;

Li oltre l-ammonti fuq imsemmija (Lm15,000 & Lm5,000) is-socjeta` konvenuta obbligat ruhha, f'kaz li tikser l-istess ftehim, li thallas l-imghaxijiet legali fuqhom, liema imghaxijiet kellhom jibdew jiddekorru mid-data tal-iffirmar tal-ftehim, ossia 12 ta' Awissu 1994;

Li barra minn hekk, is-socjeta` konvenuta qablet u ntrabtet li thallas lis-socjeta` attrici in linea ta' danni pre-likwidati, is-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000), f'kaz li tikser l-imsemmi ftehim;

Li ghalhekk minhabba li naqset li tonora l-ftehim, is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000), oltre l-imghaxijiet legali fuq Lm20,000 mit-12 ta' Awissu 1994;

Li ghalkemm interpellata sabiex tissalda dan id-debitu, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Li dan id-debitu tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-socejta` attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Li ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Li huwa jaf b'dawn il-fatti u kien jinsab awtorizzat jaghmel id-dikjarazzjoni.

Rat illi fit-12 ta' Mejju 2003 il-Qorti awtorizzat li tigi prezentata nota ta' eccezzjonijiet mis-socjeta` konvenuta.

Xehed Joseph Aquilina Direttur tal-Golden Harvest Manufacturing Company Limited u qal li kien intlahaq ftehim mal-Limelight Hotels Limited. Ikkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata prezentata mac-citazzjoni. Semma li mis-somma indikata fic-citazzjoni ma gie mhallas xejn. Gharaf il-firma tieghu kif ukoll dik ta' huh John Aquilina fuq il-kuntratt li jinsab a fol 5 sa 7 tal-process. Is-somma ta' Lm2845 inqatghet mill-kummissjonijiet.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. George Cutajar fejn inghad li hu kellu r-rappresentanza guridika tal-kumpanija konvenuta u l-fatti ddikjarati gew lilu riferiti minn ufficjali tal-kumpanija u f'xi punti jafhom hu kien personalment;

Illi s-socjeta` attrici ma setghetx titlob hlas ta' danni bazat fuq allegat ksur ta' ftehim minghajr l-ewwel ma titlob li jigi dikjarat illi l-ftehim gie fil-fatt miksur;

Illi ghan-nom tal-kumpanija u minghajr pregudizzju sostna li l-ftehim ma kienx gie miksur bl-ebda mod;

Illi l-kawza kienet giet intavolata intempestivament u dana stante li skond l-istess ftehim (klawsola 4) ma kien gie stipulat ebda terminu li fih l-ammonti mislufa kellhom jigu restitwiti lura;

Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li s-socjeta` konvenuta kienet onorat u kienet ghadha qed tonora l-istess ftehim.

Xehed Joseph Borg Managing Director tal-Limelight Hotels Limited u qal li hu ghandu shares fil-Benelogs

Limited li hi ghandha shares fil-kumpanija Limelight Hotels Limited. Ikkonferma l-ftehim a fol 5 sa 7 tal-process. Sostna li l-kuntratt imsemmi fic-citazzjoni ma giex miksur. Semma li x-xoghol kien naqas u ghalhekk kellhom inaqqsu x-xiri pero` sakemm baqghet miftuha l-Limelight Hotel baqghu dejjem jixtru minghand is-socjeta` attrici. Qal li huwa veru li l-Lm15,000 imsemmija fic-citazzjoni huma mislufin u qal li kellu jaghtihom bil-prezz kif jixtrihom il-konsumatur u d-differenza kellhom jinqatghu mill-Lm15,000. Dwar l-Lm10,000 danni li jissemmew qal li dawn kienu jekk il-flus ma jithallsux lura f'seba' snin u zied jghid li ma hallasuhomx ghax ma hadux daqshekk xoghol. Ma setghux jibqghu jixtru b' dik il-kwantita`. Il-Lm5,000 l-ohra kienu grant u ma kienux rifondibbli sakemm jithallsu fi zmien seba' snin.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-insostenibilita` tal-azzjoni minhabba li s-socjeta` attrici naqset li titlob dikjarazzjoni li l-ftehim gie miksur il-Qorti m' ghandhiex tintilef f' formalizmi zejda meta dawn ma jkunux strettament necessarji. Huwa veru li kien ikun aktar opportun li kieku saret talba ghal dikjarazzjoni f' dan is-sens izda rrizulta car mix-xhieda ta' Joseph Borg Managing Director tal-kumpanija konvenuta li xehed li minhabba li naqas ix-xoghol huma ma kienux baqghu jaghmlu l-ordnijiet kif pattiwt fil-kuntratt. Ghalhekk il-Qorti tichad din l-ewwel eccezzjoni.

Riferibbilment ghat-tieni eccezzjoni fejn gie sostnut li l-ftehim ***de quo*** ma gie bl-ebda mod miksur u li ghalhekk l-ammont imsemmi mhux dovut, il-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak li ghadha kif semmiet riferibbilment ghax-xhieda ta' Joseph Borg li hu stess ammetta li ghalkemm ma kellux l-intenzjoni li b' xi mod jikser il-kuntratt, accetta li ma kienx hallas tax-xoghol u li x-xoghol ma kienx ittiehet kif imsemmi fil-kuntratt. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

Bhala tielet eccezzjoni s-socjeta` konvenuta sostniet li l-kawza giet intavolata intempestivament minhabba li ma kien gie stipulat ebda terminu fil-kuntratt biex jithallsu l-

ammonti mislufa. Huwa veru li minn dak li jirrizulta a fol 7 tal-process klawsola 4 jissemma biss l-obbligu tar-radd tal-flus lura izda ma jissemmiex meta dan ghandu jsir, izda dan certament ma jistax jigi mifhum mill-Qorti bhala li din hija xi estensjoni ***ad infinitum*** u hu logiku li kellu jigi mhallas fi zmien relattivament qasir, u certament zgur li mid-data tal-prezentata tal-mandati. Ma jirrizulta li sar ebda hlas anqas mill-prezentata tac-citazzjoni sal-gurnata tal-lum. Ghalhekk tichad din it-tielet eccezzjoni.

Ir-raba' eccezzjoni hija riferibbli ghall-mertu. Mill-kuntratt a fol 5 sa 7 tal-process jirrizulta li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet fit-12 ta' Awissu 1994 fejn is-socjeta` attrici kienet obbligat ruhha li tipprovdi oggetti tal-marka Golden Harvest u Yogit lis-socjeta` konvenuta ghall-kunsiderazzjonijiet imsemmija fi klawsola 3 u cioe` grant ta' Lm5,000 u self ta' Lm15,000. Is-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li thallas lura s-self ta' Lm15,000 billi dawn jitnaqqsu mis-16.5% trade discount mill-prezz nett moghti ghall-bejgh tal-oggetti. Issa minn kliem l-istess Joseph Borg jirrizulta li x-xoghol ma ttehidx u allura ma tnaqqsux il-kummissjonijiet hlief ghall-ammont ta' Lm2846.83,9.

Il-klawsola 6 titkellem dwar "default in any of the obligations undertaken in terms of this agreement" mis-socjeta` konvenuta, liema obbligi jirreferu ghal a) refund to the company the full amount lent … full amount of the grant and loan paid today … b) pay to the company by way of pre-liquidated and agreed damages the sum of Lm10,000.

Issa jirrizulta li sar il-ksur tal-ftehim imsemmi u li ghalhekk huma rifondibbli kemm il-Lm5,000 li kienet moghtija bhala ***grant*** kif ukoll il-***full amount*** misluf mill-kumpanija Lm15,000 (ghax ghalkemm is-socjeta` konvenuta kellha d-dritt ghal nuqqas ta' Lm2,846 peress li ma hallsitx il-bqija inkorriet fl-obbligu tal-hlas tal-***full amount granted***). Inoltre d-danni huma pre-likwidati fl-ammont ta' Lm10,000.

Is-socjeta` attrici talbet l-imghax kummercjali a tenur tal-artikolu 6(a) (fol 8 tal-process). Dan l-ammont fil-fatt qed jigi likwidat illum. Il-principju li ***in illiquidis non fit mora***

ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Ara f' dan is-sens **Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30/03/2001**, Strati vs Boselli –** 18/10/1909**, Mallia Tabone Utrinque –** 8/12/1903**, William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –** Appell 29/05/1988.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta kif fuq imsemmi, u wara li ma laqghetx it-tielet talba ghall-applikazzjoni tal-Kap 12 art 167 kif issemma fil-verbal tat-12 ta' Mejju, 2003, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm30,000; tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' Lm30,000 bl-imghax mil-lum.

Spejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------